# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 907/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Alfred Tanti**

<u>**Illum 23 ta' Ottubru 2024**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Alfred Tanti** detenur tal-karta tal-identita Maltija **282685M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġí u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur ta' Diċembru 2019 sa Diċembru 2022, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Rachel Azzopardi u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Lulju,2024, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu u kkundannatu xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Tanti, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Lulju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali in kwantu mogħtija fil-konfront tal-appellant nhar il-15 ta' Lulju, 2024 fl-ismijiet fuq premessi, u għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament / alternattivament, u biss f'każ li dina I-Onorabblı Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' ħtija u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal- ħtija, l-appellant jitlob bir-rispett illi dina I-Onorabbli Qorti jogħġobha, wara li tieħu kont taċ- ċirkostanzi kollha prevalenti u li jsawru l-każ, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tirriduċi l-istess ghal waħda aktar mita u idoneja, kif ukoll talloka terminu ghal hlas.

**<u>Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;</u>**

**Certezza fil-kamp kriminali.**

Illi s-sentenza appellata tıkkonċerna talba ghal manteniment mhux imħallas li allegatament tmur lura ghal Diċembru 2019, fuq rapport li sar mill-*Parte Civile* datat 21 ta' Frar 2023.

Illi b'kuntratt datat 9 ta' Novembru 2015, I-appellant intrabat li jgħaddi bhala manteniment għal ibnu s-somma ta' €225 fix-xahar, somma li hu dejjem għadda anke fil-perjodu li allegatament qiegħed jingħad li huwa naqas li jhallas.

Illi bħala sfond l-appellant dejjem onora kull obbligu tiegħu u ħallas lil Rachel Azzopardi I- manteniment kif minnha mitlub, kien biss darbtejn fejn l-appellant ma kienx puntwali fil-ħlasijiet minħabba problemi ta' impjieg u dan qabel 1-2019,

madanakollu għalkemm l-*parte civile* kienet konxja ta' dawn iċ-ċirkostanzi, dawk id-drabi kienet pronta u marret tagħmel rapport lill-pulizija. Wara li kien ikkuntattjat mill-pulizija, l-appellant issellef il-flus biex jagħmel il-ħlasijiet, u b'hekk qatt ma kellu kawzi simili quddiem il-Qrati nostrani, għaliex huwa dejjem kien puntwali fil-ħlas tal-manteniment.

Illi għalhekk kieku ma hallasx il-manteniment għall-perjodi li qiegħed jiġi akkużat li baqa inadempjenti, il-*parte civile*, żgur u mhux forsi, kienet tmur tagħmel rapport I-ghassa bhal ma' ghamlet qabel, ta' kull xahar li l-appellant kien jonqos li jagħmel dan. L-appellant jishaq li minn Diċembru 2019 sa Diċembru 2022, il-perjodu tal-akkuża, huwa dejjem kien puntwali u hallas il- manteniment dovut, nonostante li huwa ma għandux riċevuti, la ta qabel 1-2019 u lanqas ta' wara 1-2019, għaliex dejjem afda li la sar il-ħlas ma kienx ser jiġi mixli li ma hallasx. Illi meta kellu problemi finanzjarji minħabba l-impjieg, u anke inharġu Mandati ta’ Sekwestru kontrih minn terzi, huwa dejjem hadem u stinka sabiex jivversa I-manteniment dovut. Dan kollu huwa stqarru kemm fit-18 ta' Marzu 2023 fl-affidavit tiegħu meta mar l-għassa tal-pulizija, u anke quddiem I-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fejn saħaq li l-*parte civile* ghamlet rapport falz. Huwa saħaq li l-uniku raġuni għalfejn sar dan ir-rapport kien għaliex bil-Mandat ta' Sekwestru, ġie ssekwestrat kont tat-tifel tagħhom.

Illi meta l-*parte civile* saret taf li l-ammont fil-kont tat-tifel ma jistax jinġbed għaliex il-ġenituri qegħdin *both to sign*, hija gheddet lil appellant li ser tagħmillu rapport l-għassa li ma ħallasx il- manteniment sabiex tkun tista' tieħu l-flus maqbuda bil-mandat mod ieħor, u dan jekk ma jnehhix il-mandat immedjatament. Xi haġa li għalkemm l-appellant xtaq jagħmel dak iż-żmien, pero kien fl-impossibilita' li jagħmel, madanakollu fil-fratemp huwa hadem bi shih sabíex fil-preżent il- kontro-mandat ta' sekwestru ġie ppreżentat u l-kont bankarju ta' ibnu ġie rilaxxat mill-effetti tal- mandat.

Illi din I-Onorabbli Qorti għandha sitwazzjoni quddiema fejn il-*parte civile* stenbhet fil-21 ta' Frar 2023, u għamlet rapport ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment li jmur lura minn Diċembru 2019 sa Diċembru 2022, meta fi żminijiet precedenti rapporti simili kienu jsiru hekk kif jiskadu -il hmistax il-jum li fih suppost kien ikollu jsir il-ħlas tal-manteniment. Dan id-dewmien fl-irrapurtar, kellu, u għandu jqajjem dubji serji dwar

il-veraċità u l-eżattezza ta' dawn l-allegazzjonijiet, dubji li ġew skartati mill-ewwel Qorti.

Illi l-akkuża odjerna tirreferi għall-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment ghal perjodu ta' 37 xahar (Diċembru 2019 sa Diċembru 2022), akkuża li r-riżultanzi tagħha jistgħu jiġu kwantifikati b'rata ta' manteniment mensili.

Illi ix-xhieda tal-*parte civile* quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet ghal kollox konfuża. Waqt tali deposizzjoni l-*parte civile* ipprezentat rendikont u "ddikjarat bil-ġurament tagħha li l-imputat huwa missier it-tifel taghha u ghamlet rapport għaliex ma kienx qiegħed itiha manteniment ta' mitejn u hamsa u għoxrin ewro (€225) fix-xahar minn Diċembru 2019 sa Diċembru 2022, skont il-kuntratt ta' kura u kustodja, manteniment u access, u l-ammont dovut ta' hamest 'elef, erba' mija u hamsin ewro (€5,450)" Illi fix-xhieda tagħha, taht gurament il-*parte civile* fil-kontro-eżami "ikkonfermat li għamlet ir-rapport fis-sena 2023 meta kellhom il-qorti u l-imputat ma telax. Baqgħet tibghatlu sabiex jagħtiha I-manteniment permezz ta' rikjesta fuq ir-Revolut li kienu jiġu kanċellati minnu. Barra pagamanti permezz ta' Revolut qatt ma ghamel u lanqas *cash* u llum it-tifel ser jaghlaq tmintax-il sena".

Illi hawnhekk il-konfużjoni tal-*parte civile* hija pjuttost evidenti. Hija l-ewwel tallega li l-appellant ma ghamel l-ebda pagament ta' manteniment ghall-37 xahar. Madanakollu meta nikkunsidraw l- ammont mhux ikkontestat ta' manteniment ta' €225 fix-xahar, it- total għal 37 xahar jarnmonta ghas-somma ta' €8,325, mhux €5,450.

Illi fil-pessima ipotezi li l-appellant allegatament ma hallasx il-manteniment, is-somma mitluba mill- *parte civile* tindika b'mod čarissimu li kien hemm čertu xhur fejn il-*parte civile* taht gurament b'mod implicitu stqarret li sar il hlas! Imbagħad iddeċidiet hi arbitrarjament meta kellhom ikunu dawk ix-xhur li fihom ma sarx il-hlas sabiex tipprova tevita li l-ammont mitlub ma jiġix preskritt. Hawnhekk si tratta ta' każ fejn il-perjodi ta' meta allegatament ma sarx il-hlas ma ġewx definiti b'certezza mill-prosekuzzjoni u fid-dawl ta' dawn l-inċertezzi l-Ewwel Qorti ma kellhiex għażla hlief li tillibera lill-appellant.

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, it-tieni aggravju tal-appellant jitratta dwar il-preskrizzjoni tar-reat b' liema huwa ġie akkużat.

Illi I-gurisprudenza, senjatament **Il-Pulizija vs John Chircop** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 2005 tghallem li' ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal- Kap. 9 huma wiehed istantenju u mhux permantenti.' u tkompli billi ssir referenza ghall-kawża **II- Pulizija vs. Joseph Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1995 billi tipprovdi:

> *"Il-kuncett ta 'continuous offence' jindici primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l- continuing offence' jindici fuq l-aspett sostentiv tar-reat... Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ('continuing*

Illi għaldaqstant, il-loġika legali li ssegwi hija li:

> *"Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati, cioe' r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir- regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Di fatti skont l-artikolu 691 (1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mil-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permantenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.*
>
> *Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, ir-reat kontravvenzjonali istantaeju jigi kommess b' eghluq ta' hmistax il-jum wara d-data tal-iskadenza.*
>
> *Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar."*

Illi għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għall-aggravju precedenti li diġa stipola li l-perjodu tal- akkuża ma hux jinkwadra mal-ħlas mitlub, jqum dubju serju rigward il-veračita' tal-perjodu tal- akkuża, għaliex dan ma jistax jiġi spezzettat sabiex jakkomoda perjodi indefiniti bi preġudizzju ghall-appellant.

Illi meta l-appellant ġie mixli li l-infrazzjoni tiegħu tikkostitwixxi reat kontinwat, kellu jiġi ppruvat mingħajr l-ebda ombra ta' dubju l-perjodu ta' preskrizzjoni minn meta kellu jibda jiddekorri u jestendi sa' sitt xhur wara dik id-data. Perjodu li ma ġiex ippruvat, hlief bix-xhieda tal-parte civile li l-intenzjoni tagħha kienet biss li tpattijielu ghaliex fdak il-punt partikolari ma setgħax jagħmel dak li riedet.

Illi l-appellant jissottometti li, semplicement ghal skopijiet ta' argument, ma ngabet l-ebda prova konkreta, hlief dik li għoġobha tohloq l-*parte civile*, rigward liema kienu x-xhur li allegatament thallsu, vis-a-vis dawk li allegatament ma thallsux. Il-*parte civile,* bis-somma li talbet, indirettament xehdet li kien hemm perjodi fejn il-hlas sar, li jista' jwassal biss għal konklużjoni waħda, li ma huwiex minnu li l-perjodu kien ta' 37 xahar.

Illi dina I-Onorabbli Qorti għandha tispezzetta x-xhieda tal-*parte civile* sabiex tara kemm hija implawsibbli u inveritiera. Ir-rapport ta' Frar 2023 kien l-uniku rapport li għamlet fi tliet (3) snin, meta kienet ferm konoxxenti u anke midhla ta' x'għandha tagħmel hekk kif jgħaddu-il ħmistax il- ġurnata mid-data tal-hlas!

Fid-dawl ta' dan l-aggravju, l-appellanti jissottometi li hu wkoll għandu jiġi liberat fuq dan il-punt ghaliex huwa kien jinsab fl-impossiblita' li jistabbilixxi l-perjodu meta allegatament ma sarx il-ħlas.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju għall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravju dwar is-sejbien ta' ħtija, jirrizulta wkoll li għalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-liġi, l-appellant qiegħed jissottometti li l-piena ghandha tkun wahda izjed idonea.

Illi l-appellant qatt ma kellu akkużi simili fil-konfront tiegħu, iżda jammetti li arralu bil-qares li afda lill-omm ibnu meta vversa I-manteniment u ma talabx ricevuti, huwa wkoll żgarra meta urta lill- omm ibnu, ghaliex ma setghax jiehu azzjoni mal-ewwel sabiex jwaqqa l-effetti tal-mandat li mblokka wkoll il-kont ta' ibnu, u li ssarraf f'dan l-

inkwiet kollu. Ma huwiex ideali li persuna li qiegħed jipprova jistabilixxi ruhu bil-kwiet, u li qatt ma' ġie fid-dell ikrah tal-Liġi jisfa vittma tas- sistema u jingħata piena ta' detenzjoni.

Illi għalkemm jekk wieħed ihares lejn il-ġurisprudenza jifhem li l-animu wara din is-sentenza ma kienx wieħed daqsekk ahrax, xorta waħda r-riżultanzi tal-istess ser iwasslu li l-appellanti jiġi kkundannat detenzjoni bil-konsegwenza li jitlef xogħlu. Dan ser iwassal f' kosegwenzi hafna iktar preġudizzjevoli fuq l-appellanti intortament.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **II-Pulizija vs Publius Said** deċiża fid-9 ta' Lulju, 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti intqal hekk:

> "*I-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament*".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Azzopardi** deċiża fis-26 ta' Settembru, 2011, mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Imħallef Dr. David Scicluna) in vista ta' dak deċiż fis-sentenza **ıl-Pulizija vs Publius Said**, dika I-Onorabbli Qorti tenniet hekk:

> "*konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, irrevokatha in kwantu kkundannat lil appellant ghal-xahar prigunerija u minflok ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita fhamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.*"

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mario Gafa**, deċiża fl-1 ta' Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-

imputat kien akkużat talli ma hallasx il- manteniment għall-ammont ta' erbgħa xhur bejn Awwissu, 2009 u Novembru, 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048). Mentri I-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2048) fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija."*

Illi għalkemm il-fatti tal-każijiet sopraċitat jistgħu ikunu kemmsejn differenti mill-fattispeċi ta' dan il-każ l-appellant jikkontendi li hemm lok ghall mitigazjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti stante li jekk dina l-Onorabbli Qorti ma' tilqax l-aggravji tiegħu, huwa jitlob li akkost li jitlef I-impjieg tieghu, huwa jinghata terminu sabiex jeffettwa l-ħlas f'pagamenti mensili.

Semghet lill-partijiet jghamlu is-sottomissjonijeit taghhom u dan fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Fl-ewwel istanza l-appellant jistqarr li l-akkuza hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex il-kontravenzjoni taqa' preskrita bit-terminu ta' tlett xhur u l-prosekuzzjoni qed titlob hlas ta' manteniment ghall -perijodu ta' tlett snin.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338 (z) tal-Kap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero' jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta' ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim'Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: **"<u>Il-Pulizija vs. Joseph Galea</u>[1] :-**

> *""Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall "continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ….Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"*

Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill-prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.

Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati, cioe' r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Di fatti skond l-artikolu 691 (1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Issa fil-kaz in ezami l-akkuza hija li ma thallasx il-manteniment dovut ghax-xhur ta' Dicembru 2019 sa Dicembru 2022 kif indikat fic-citazzjoni. Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, r-reat kontravenzjonali istantaneju jigi kommess b'gheluq ta' hmistax il-

---

[1] Deciz 3 ta' Novembru, 1995

jum wara d-data tal-iskadenza li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim.**<u>Il-Pulizija vs.David Camilleri</u>**[2] **u** **<u>l-pulizija vs John Chircop</u>** [3]

Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :-

> *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –*
>
> *"meta…..hekk marbut b' kuntratt jonqos li jaghti lil martu….. , is-somma …..stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha…u jew ghall-ulied , fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond …dak il-kuntratt , ikollha thallas dik is-somma."*

Ghalhekk din il-kontravenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dakinhar.

F'dan il-kaz ghalhekk il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' reat kontinwat, (continuous offence) kienet tibda tghaddi minn hmistax il-jum wara l-ahhar skadenza w cioe' Dicembru 2022. Illi c-citazzjoni odjerna nharget f'Marzu 2023 u giet appuntata ghas-smiegh ghad-29 ta' Mejju, 2023 (Fol.1) u giet notifikata lill-appellant (kif jidher mill-verbal tal-qorti tad-29 ta' Mejju 2013 meta l-avukat difensur tiegħu talbet differiment peress li kien indispost.

Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrizzjoni sollevata qed jigi respint.

Fit--tieni aggravju tieghu l-appellant jistqarr li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza tagħha għaliex ix-xhieda mogħtija mill-parte civile kienet waħda konfuża u mhux waħda li tista' tistrih fuqha.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

[2] Deciz 22 ta' Marzu 2005
[3] Deciz 3 ta' Novembru 2005

sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[4] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni flapprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

[4] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[5]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni talargumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija

---

[5] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[6].

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment filverżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.4 Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Joseph Thorne__**[7], mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid

[6] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal għall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l- oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq ilprinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, ilQorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik

il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż[8], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik ilQorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza laktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova*

[8] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

*mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[9]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda leżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti talMaġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Page 15 of 21 Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti talMaġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tarriżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi sabiex din il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tara jekk l-ewwel Qorti ghamlitx gudizzju zbaljat trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi imresqa mill-partijiet.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PC 682 Clydon Micallef** guramentat nhar is-27 ta' Marzu 2023 fejn stqarr li nhar il-21 ta' Frar, 2023 ghall-habta tal-11.55 Rachel Azzopardi rraportat gewwa l-ghassa tal-pulizija fejn sqarret illi missier it-tifel certu Alfred Tanti ma tahix il-manteniment dovut lilha ghaz-zmien minn Dicembru 2019 (ix-xhur kollha inkluzi) ghal minuri taghhaom Aiden, Din Rachel kkonfermat li l-ammont dovut kien ta' €225 euro kul xahar. Hija pprezentat ukoll id-digriet mahrug mill-qorti Prim Awla tal-**Qo**rti Civili Sede Familja nhar it-13 ta' Ottubru 2015.

In segwitu ghamel kuntatt ma' Alfred Tanti fejn dan irrikorra l-ghassa ir Rabat, Malta u wara li tah id-drittijiet legali tieghu stqar li kien ser ikellem lill-avuakt ta' difucja tieghu qabel ma jaghti l-verzjoni tieghu. Tanti rega rrikorra l-ghassa nhar it-18 ta' Marzu 2023 fejn stqarr li kien ser ikellem Dr Sonia Consiglio u qallu li Rachel kient qed taghmel rapport falz minhabba li kienet qeda tghid ma kienx minnu. Tanti jghid li huwa ghandu x'juri rigward l-akkadut u kien lest li joppresnthom il-qorti. Qal ukoll li Rachel kient qed taghmel hekk peress li ghandu Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tieghu u gew milquta il-flus tal-minuri taghhom.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti datat l-21 ta' Frar 2023 redatt minn PC 682 Clydon Micallef.

Rat ix-xhieda tal-kwerelanti **Rachel Azzopardi** moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2024 u kkonfermat li l-imputat illum appellant jigi missier binha minuri Aiden Tanti Ikkonfermat li l-imputat ma tahiex manteniment minn Dicembru 2019 sa Dicembru 2022 sakemm beda jahdem it-tifl. Kellu itiha is-somma ta €225 fix-xahar skond kuntratt redatt min nutar Robert Micallef nhar 9 ta' Novembru 2015 esebit fl-atti u markat bhala dok RA1. Tikkonferma li kellu ighatiha s-somma ta' €5450. Misoqsija ghaliex damet hekk biex titlob li tithallas tghid li dejjem ittamat li kien ser ihallasha. Tghid li kient

taghmillu request bil revollut u kien jigi cancelled. Qalet li Alfred Tanti qatt ma hallasha cash dejjem permezz ta revolut meta halalsha fil-passat.

Ezamiant il-kuntratt eebit fl-atti u minn esami ta' l-itess jirrizulta li mit-0tielet parti intitolata 'C' Manteniment Alfred Tanti kien obbliga ruhu li jghaddi l-ammont ta' €225 fix-xahar ghal minuri kollox inkluz.

Rat ix-xhida ta' **Alfred Tanti** moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2024 u qal li r-rapport li ghamlet Rachel Azzopardi fil-konfront tieghu kien qiehed falz Qal li gili hallasha b'revolut gili cash u gili minn fuq tax-xoghol. Qal li dahhal ir-revolut fis-ena 2022 u kien minn hemm il-quddiem li tahomlha b'rvolut Qal li i9t-tifel kien iku presenti meta ghadhdielha l-flus cash u jaf l-istorja ta bejniethom minn A sa Z. Qatt ma kien jitlobha ricevuta u jghid li jaf li bejneithom kien hemm il-problemi. Mistoqsi fejn kien itihomlha cash jghid li gili Bugibba u daqqa baghthom mat-tifel.

**<u>Ikkunsidrat ulterjoment.</u>**

Illli f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ta' dak li setgha gara. Il-verzjoni tal-prosekuzzjoni kif proposta mill-kwerelanti Rachel Azzopardi li l-imputat appellant kien ilu ma jhallasha manteniment minn Dicembru 2019 sa Dicembru 2022 u dik moghtija mill-imputat li jghid li dejjem hallasha permezz ta' revolut jew permezzz ta' flus kontanti .

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef</u>** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja…"*
>
> (ara wkoll **<u>Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino</u>** 19 t' Ottubru 2006, **<u>Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et</u>** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **<u>Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech</u>** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **<u>Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali</u>** (deciza fl-24 ta'

Jannar 2013), **<u>Il-Pulizija vs. Mario Pace</u>** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **<u>Il-Pulizija vs. Hubert Gatt</u>** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit[10]".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Issa fil-kaz in desamina il-Qorti ghandha l-kwerelanti li tixhed bil-gurament u tghid li l-imputat ma hallashiex manteniment ghal perijodu ta' tlett snin u dan minkejja li l-manteniment kien dovut ghat-tifel minuri taghhom Aiden. L-imputat jghid li fil-fatt kien hallasha jew cash jew permezz ta' *Revolut*. Jinghad pero li ricevuti jew prova dokumentarja ta' pagament li sar fl-atti ma hemmx. Din il-Qorti issibha difficli temmen li minkejja li jghid li hallas permezz ta revolut huwa ma jipprezenta l-ebda statement. Il-Qorti ssibha difficli temmen lill-imputat u dan ghaliex ma ressaq l-ebda prova korroborattiva biex tikkolobora dak mistqarr minnu minkejja li l-obbli li fatt jigi provat jaqa' fuq – *qui allegat producit*.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-kwerelanti u tiddikajra s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bhal waahda *safe and satisfactory* u qeda tikkonfermaha fl-intier taghha.

| | |
|---|---|
| **Dr Consuelo Scerri Herrera** | **Maria Grech** |
| **Onor Imhallef** | **Deputat Registratur** |

[10] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890